MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta ta' 01 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 2149/1997/1

**Angelo Spiteri, Alfred Spiteri, Joseph Spiteri lkoll f'isimhom proprju u kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Garden of Eden Limited.**

**vs**

**Joseph Bugeja**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi f'ittra datata d-dsatax (19) ta' Awissu 1997 mibghuta mill-konvenut lill-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku gew attribwiti fatti determinanti li huma foloz u malafamanti fil-konfront ta' l-atturi *proprio* kif ukoll *nomine* u li x'aktarx jaghmlu hsara lin-negozju minnhom nomine gestit;

Illi ghalhekk l-atturi *proprio* u *nomine* ghandhom jedd ghad-danni kontemplati fl-**artikoli 28 u 29 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi l-istess atturi talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-ittra fuq indikata hija malafamanti u tnaqqas ir-reputazzjoni tajba ta' l-atturi *proprio* kif ukoll *nomine* u kif ukoll dik tas-socjeta' attrici, u li tikkontjeni dikjarazzjonijiet foloz fil-konfront taghhom u li x'aktarx jaghmlu hsara lin-negozju minnhom nomine gestit;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi *proprio et nomine* dik is-somma li tiffissa dina l-istess Qorti *ai termini* ta' l-**artikoli 28 u 29 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta**, bhala danni ghall-malafama u ghall-hsara li x'aktarx isofru l-atturi *proprio et nomine* b'konsegwenza ta' l-ittra fuq imsemmija;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tad-29 ta' Mejju 1998 a fol. 9 fejn gie eccepit:

1. Illi fl-ewwel lok l-eccipjent ma hux passibbli ghall-azzjoni ta' libell civili peress li l-ittra tad-19 ta' Awissu 1997 tammonta ghal rapport legittimu lill-Awtoritajiet kompetenti u ghalhekk kopert mill-privilegg jew *quasi* privilegg u ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi fi kwalunkwe kaz dak li hemm f'dik l-ittra ma sarx fil-vesti personali tal-eccipjent izda ghan-nom tal-kooperattiva tal-Mini-Buses Ltd. u ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi dak li ghamel l-eccipjent kien biss fl-interess pubbliku u f'ebda mument ma kien jippossjedi l-*animus injurandi*.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 9 u 10 tal-process.

Rat il-verbali tad-9 ta' Gunju 1998 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Frank G. Camilleri, filwaqt li anke inghata digriet tal-affidavits tal-partijiet; u tat-22 ta' Marzu 1999 fejn xehed l-attur.

Rat in-nota tal-atturi tat-22 ta' Marzu 1999 li biha esebew zewg dokumenti.

Rat il-verbali tas-26 ta' Novembru 1999 fejn xehed Joseph Caruana; tat-8 ta' Mejju 2000; tad-9 ta' Ottubru 2000 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.; tas-16 ta' Novembru 2000 fejn inghata digriet tal-affidavit tal-atturi b'terminu ta' erbghin gurnata; tas-7 ta' Frar 2001 fejn xehed Joseph Caruana u nghata digriet tal-affidavits tal-konvenuti b'terminu ta' hamsin gurnata; u tat-3 ta' Mejju 2001 fejn fuq talba ta' Dr. Chris Cilia ghall-konvenut, il-Qorti estendiet it-terminu ghall-prezentata tal-affidavits tal-konvenut bi tletin gurnata ohra jibdew mit-3 ta' Mejju 2001.

Rat in-nota tal-konvenut Joseph Bugeja datata 28 ta' Gunju 2001 li biha esebixxa erba' (4) affidavits.

Rat il-verbali tal-11 ta' Lulju 2001 fejn xehed Jose' Abela; tas-16 ta' Novembru 2001; tat-28 ta' Frar 2002 fejn xehdu Reno Calleja u Joseph Caruana; tal-11 ta' April 2002 fejn xehdu Joseph Bugeja, Charles Mercieca, Charles Axiaq, Martin Brincat u Angelo Spiteri. Id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar. Fuq talba ta' Dr. Chris Cilia l-Qorti pprefiggiet terminu ta' 40 gurnata lill-atturi biex jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet bil-visto / notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu l-istess terminu biex

jirrispondi. Il-kawza giet differita ghall-1 ta' Ottubru 2002 ghas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut Joseph Bugeja datata 24 ta' Lulju 2002 a fol. 140 sa 144.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) L-AZZJONI ATTRICI.

Illi din hija kawza maghmula mill-atturi fil-kwalita' taghhom premessa fejn huma qed jallegaw li l-konvenut b'ittra datata 19 ta' Awissu 1997 immalfama lill-istess atturi, u allura l-istess atturi qed jitolbu id-danni kif kontemplati mill-**artikolu 28 u 29 tal-Kap 248.**

Illi min-naha l-ohra l-konvenut qed jecceppixxi li li l-istess ittra hija koperta minn privilegg jew kwazi privilegg stante li tikkostitiwixxi rapport legittimu lill-Awtorita' kompetenti; li l-konvenut agixxa fil-kwalita' rappresentattiva tal-Mini-Bus Limited, u li dak li ghamel kien biss fl-interess pubbliku u ma kellux l-*animus iurandi.*

### (B) PROVI.

Illi dwar il-kaz in partikolari, l-istess konvenut jallega li bhala kumitat tal-istess assocjazzjoni jew kumpanija kienu wasslu diversi rapporti li kien hemm vann abjad jew izjed bit-*tail lift,* ikbar mill-mini buses tal-membri taghhom, bil-pjanci bin-numri barranin, li kienu qed jidhru fit-toroq; l-ewwel hassbu li dawn kienu tal-Gvern, pero' wara sostna li dawn kienu identifikati bhala li kienu tas-socjeta' konvenuta.

Illi mix-xhieda tal-konvenut **Joseph Bugeja** jirrizulta li l-ilmenti tal-membri tal-istess ko-operattiva ghall-istess vannijiet kienu li (a) ma kienux registrati lokalment tant li

kellhom il-pjanca ta' barra; (b) li ma kienux qed jintuzaw biss ghall-garr ta' membri b'dizabilita' biss izda ghall-persuni ohra; (c) meta tali vannijiet kienu 12 *seater* meta l-licenzja dak il-zmien ghall uzu ta' vannijiet kienet biss ta' *8 seater.*

Illi fil-fatt dwar dan saret laqgha mac-*Chairman* tal-Awtorita' tat-Trasport is-Sur Reno' Calleja, fejn talbuh li jaghmel l-investigazzjonijiet u jiehu l-passi necessarji fuq l-istess rapporti. F'din il-laqgha kien hemm prezenti l-istess konvenut u *Chairman*, u Joseph Caruana, Joseph Callus u Reuben Sciberras ghall-Awtorita' u Charles Mercieca, Charles Axiaq, u Martin Brincat bhala ufficcjali tal-kumitat tal-istess ko-operattiva.

Illi f'din l-istess laqgha c-*Chairman* talab lill-istess kumitat, li tieghu l-konvenut kien *Chairman,* sabiex jaghmel ittra bil-miktub dwar l-istess rapport in konnessjoni mal-istess vannijiet bojod bit-*tail lift,* u ghalkemm skond l-konvenut, din ma kienitx procedura normali, huwa ma sab l-ebda diffikolta' li jaghmel dan stante li din kienet ta' natura konfidenzjali u skond dak li sejjah bhala *"l-ispirtu ta' proceduri kif kienu jimxu normalment"* u sabiex iwassal l-ilmenti tieghu, tas-socjeta' minnu rappresentata, u tal-membri taghha lill-Awtorita' kompetenti sabiex isiru l-investigazzjonijiet necessarji, u jigi eliminat l-istess abbuz li setgha kien ta' dannu ghall-membri tal-istess kumpanija.

Illi fil-fatt skond il-**konvenut**, f'dak iz-zmien l-istess ko-opertattiva kienet qed tahdem sabiex l-membri taghha jinghatalhom permess sabiex jkunu jistghu jgorru persuni b'dizabilita', haga li nonostante assigurazzjonijiet verbali ma sehhitx, anke ghaliex wara rrizulta li l-istess socjeta' konvenuta inghatat tali licenzji u xoghol anke b'*direct order*.

Illi din l-istess ittra fil-fatt giet miktuba fid-19 ta' Awissu 1997 lill-istess *Chairman* tal-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku. L-ghada stess u cioe' fl-20 ta' Awissu 1997 rapprezentant tas-socjeta' konvenuta *"Garden of Eden"* kien cempillu u allegatament offendih dwar l-istess rapport, u ghalhekk skond l-istess konvenut kien jidher li l-

ittra kienet b'xi mod marret ghand l-istess socjeta' konvenuta.

Illi fil-21 ta' Awissu 1997, ic-*Chairman* kien kiteb lill-istess kumpanija dak in-nhar rapprezentata mill-konvenut, fejn kien informah li mill-investigazzjonijiet li saru ma kienx irrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet ikkomettiet xi irregolaritajiet.

Illi l-konvenut sostna wkoll li l-investigazzjonijiet ma sarux sew ghaliex fil-fatt l-unika ezercizzju li sar kien biss li Joseph Caruana talab lill-Angelo Spiteri ghan-nom tas-socjeta' konvenuta sabiex jehodlu in-*number plates* tal-karozzi l-ufficju, u dan fil-fatt hekk ghamel, anke ghaliex l-istess *number plates* ma kienux imtaqqbin u ghalhekk allegatament ma gewx uzati. Apparti li skond il-konvenut dan ma jfisser xejn ghaliex xorta l-istess *number plates* jistghu jintuzaw allavolja ma jkunx intaqqbin, xorta jibqa' l-fatt li l-ilment ma kienx li l-istess vetturi qed juzaw tali *number plates*, izda li tali vetturi kienu qed juzaw *number plates* ta' barra, u allura li titlob in-*number plates* licenzjati ghall-Malta ma jaghmilx sens fil-kuntest tar-rapport li sar.

Illi din il-versjoni giet kkorroborata mill-affidavits datati lkoll 25 ta' Gunju 2001, ta' Charles Mercieca, Charles Axiaq, u Martin Brincat li kollha kienu jifformaw parti mill-kumitat tal-Ko-opertattiva tal-Minibuses f'dak iz-zmien.

Illi in kontro-ezami l-istess konvenut sostna li huwa l-affidavit iffirmah, pero' ghamlu haddiehor. L-ittra kien iffirmaha huwa, u dwar il-vannijiet qal li kien rah huwa stess f'Haz Zebbug ghal xi 5.30.a.m. u kien qed jistenna li jghabbi nies tax-*shift*, ghalkemm il-vann kien vojt u ix-xufier kien qed jistenna, pero' d-data u x-xahar ma kienx jiftakkru, ghalkemm kien qabel ir-rapport li sar minnu.

Illi **Charles Mercieca** in kontro-ezami qal li huwa ra il-vann in kwistjoni ghaddej mit-triq tal-Barrani fid-direzzjoni ta' Bir id-Deheb wara nofs in-nhar qabel l-erbgha (4.00.p.m.) u kien qed igorr passiggieri normali, u dan waqt li x-xhud kien sejjer lejn id-direzzjoni opposta, lejn il-

Belt. Qal hekk ghaliex il-pasieggieri kienu fis-*seats*, mentri l-handikappati jkun fil-*wheelchairs.*

Illi **Charles Axiaq** in kontro-ezami sostna li huwa ra l-vann in kwistjoni bit-*tail lift* ghaddej mit-triq tal-Barrani sejjer lejn Bir-id-Deheb u kien qed igorr persuni normali u huwa kien wara l-istess van sejjer lejn Bulebel u mit-twieqi induna li kienu passigieri mhux handikappati u kienu fis-*seats* normali u dwar dan sar rapport bil-miktub lill-Awtorita', kif kien qalilhom ic-*Chairman* tal-*Awtorita'* ta' dak iz-zmien. Personalment ma ghamilx rapport u huwa kien Tezorier tal-istess ko-operattiva. Ghamel rapport l-ufficju taghhom u ddiskutewha kumitat.

Illi **Martin Brincat** in kontro-ezami qal li sostna li huwa ra wiehed minn dawn il-vannijiet bit-*tail lift* ghaddej minn triq il-Barrani fid-direzzjoni ta' Bir id-Deheb u kien qed isuq passiggieri normali u mhux *wheelchairs* waqt li ix-xhud kien sejjer Rahal Gdid u dan kien f'xi 3.30.p.m u l-4.00.p.m.

Illi l-attur **Angelo Spiteri** fis-seduta tat-22 ta' Marzu 1999 qal li is-socjeta' konvenuta, li taghha huwa direttur, flimkien mal-atturi, l-ohra, kienet applikat sabiex tkun tista' timporta zewg mini buses bit-*tail lift* ghall-uzu tat-trasport ta' persuni handikappati, liema applikazzjoni kienet giet approvata ghall-istess uzu, u mhux ghal turisti normali.

Illi f'gurnata minnhom Joseph Caruana kien mar ghand l-attur sabiex jara jekk tali mini-buses kienux qed jintuzaw jew le u f'dik l-okkazzjoni l-istess *number plates* tal-vetturi in kwistjoni kienu fuq l-iskrivanija tieghu, u ovvjament rahhom hemmhekk. Tlett ijiem wara kien baghat ghalih il-*General Manager* Joseph Caruana, fil-presenza ta' Reno Calleja bhala *Chairman* tal-Awtorita' u huwa kien wera lill-istess Joseph Caruana in-*number plates* tal-istess mini buses li l-istess Caruana kien qallu biex igib mieghu. Caruana kien qallu li s-socjeta' kienet qed tabbuza ghaliex kienet qed tuza' dawn il-vannijiet mhux ghall-garr biss tal-persuni disabbli, izda ghat-turisti. Ix-xhud qallu li dawn il-vannijiet ma intuzawx ghaliex in-*number plates* kienu fil-fatt baqghu fuq l-iskrivanija tieghu w urieh l-istess *number*

*plates* li kien gab mieghu u li allura skond ix-xhud, l-istess Caruana kien gja ra qabel fl-ufficcju tieghu.

Illi l-istess attur sostna li huwa staqsieh min kien ghamel dan ir-rapport, u Caruana ma riedx jghidlu; pero’ c-*Chairman* qallu li jekk jikteb bl-avukat huwa kien jaghtih l-informazzjoni mitluba. Fil-fatt hekk sar permezz ta’ ittra datata 21 ta’ Awissu 1997 (Dok. “AS 1”) u r-risposta giet mill-Awtorita’ bl-istess data tal-21 ta’ Awissu 1997 (Dok. “AS2”).

Illi **Reno Calleja,** li f’dak il-perjodu kien *Chairman* tal-*Public Transport Authority* fis-seduta tat-28 ta’ Frar 2002, sostna li kien hemm diversi rapporti li kienu saru lilu fil-konfront ta’ vetturi li kienu jaqghu taht il-kontroll tal-istess Awtorita’, nkluz li tali rapporti jsiru bil-miktub. Huwa sostna li kienet ittiehdet decizjoni li jinghataw permessi godda lill-vannijiet ghall uzu tan-nies bi bzjonnijiet specjali, u dawn kienu inghataw ukoll lis-socjeta’ konvenuta, li kienet wahda minn dawk li applikaw sabiex ifornu l-istess servizz.

Illi dwar l-ittra tad-19 ta’ Awissu 1997 huwa qal li jew Joseph Caruana jew Bruno kienu investigaw il-kaz personalment u dan dak in-nhar stess li rcevew l-ittra fl-20 ta’ Awissu 1997 u mill-investigazzjonijiet ma rrizultax li r-rapport kontra s-socjeta' konvenuta kien ippruvat u dan ghaliex skond l-istess xhud qal li Joseph Caruana kien qallu li ra’ l-vannijiet b’ghajnejh u ra’ l-pjanci mhux fuqhom; ta’ wkoll sruzzjonijiet sabiex l-ufficcjali tal-Awtorita’ jghassu ghal xi vannijiet igorru handikappati li ma jkollhomx permess u hadd ma rraportalu xejn u l-kaz gie maghluq fi zmien jumejn.

Illi skond l-istess xhud qal li mhux normali li kopja tar-rapport li jkun sar jinghat lill-parti imsemmija fl-istess rapport, u huwa dan qal li qatt ma ghamlu. Pero’ rrinfaccjat bil-fatt li l-ittra tal-21 ta’ Awissu 1997 li huwa kiteb lill-Dr. Aldo Vella bhala konsulent legali tas-socjeta’ konvenuta, li tinsab esebita a fol. 22 tal-process, giet iffirmata minnu, sostna li:-

*"Ifhimni jiena ma jidhirlix li ghamilta f'kazi ohra, probabilment din kienet akkuza serjissima, kienet policy gdida, kien hemm hafna kontroversja ghaddejja fil-gazzetti fuqha u dehrli li ghandi niehu passi immedjati fuqha, biex naqtaghlha rasha".*

Illi **Joseph Caruana, rapprezentant tal-Awtorita' tat-Trasport** xehed fis-26 ta' Novembru 1999 u sostna li huwa gab mieghu l-ittra tad-19 ta' Awissu 1999, liema ittra kienet waslet ghandhom bil-posta skond timbru tal-istess Awtorita' fl-20 ta' Awissu 1997 (Dok. "FGC1"), liema ittra giet ikkupjata lill-Ufficcju tal-Prim' Ministru u lill-Ministru tat-Trasport.

Illi sostna li wara li sar ir-rapport huwa kien mar ghand l-attur u fl-ufficcju tal-attur kien ra zewg vetturi u zewg settijiet ta' pjanci relattivi. L-Awtorita' kienet harget zewg licenzji sabiex jopera l-istess zewg vetturi ghad-disabbli, u dwar l-allegazzjonijiet li s-socjeta' konvenuta kienet kissret xi kondizzjonijiet tal-licenzja kellu jivverifika.

Illi fis-seduta tas-7 ta' Frar 2001 sostna li kieku irrizulta li s-socejta' konvenuta kienet abbuzat mill-licenzja taghha kien jaghmel rapport lill-Bord u ic-*Chairman* jiehu id-decizjoni li jkun hemm bzonn, pero' kien hemm il-possibilita' li anke tigi sospiza l-licenzja. Mill-kontenut tal-ittra ma ittiehdu l-ebda passi ta' xejn ghaliex huwa kien mar personalment u kien ra l-pjanci mhux imwahhlin fuq it-trakk, ghaliex kieku imwahhlin kien ikun hemm xi toqob fihom. L-allegazzjonijiet li kien hemm fl-ittra ma kienx sab sostanza taghhom.

Illi l-istess xhud reggha xehed fit-28 ta' Frar 2002 u qal li kien ghamel l-investigazzjonijiet inkwistjoni u mar ghand il-'Garden of Eden', iz-Zejtun, u kien ra l-vannijiet il-godda approvati skond l-ahhar *policy* gdida ta' dak iz-zmien li *public services garages* jista' jkollhom minibus ghall-persuni with *special needs,* ra li kienu skond l-ispecifikazzjonijiet li harget l-Awtorita' u ra l-pjanci l-godda fuq l-iskrivanija tat-*travel agency* li l-istess socjeta' konvenuta kellha fl-istess post u allura kkonkuda li la l-istess pjanci kienu mhux imwahhla l-istess vannijiet ma

kienux qed jintuzaw anke ghaliex l-istess pjanci ma kienux imtaqqbin. Ma kienx jaf b'apparat li xorta jistghu jintuzaw l-istess pjanci minghajr ma jittaqqbu. Sostna li l-vannijiet rahhom ukoll, pero' ma setghax jghid jekk l-istess vannijiet kellhomx in-*number plates* ta' barra fuqhom.

Illi xehed ukoll **Jose' Abela bhala rapprezentant tad-Direttur tal-Licenzji** fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2001 fejn qal li l-vetturi bir-registrazzjoni numri GSY – 001 (Renault Mini Bus kulur *light blue – seating capacity* 14) u GSY – 002 gew licenzjati fit-18 ta' Awissu 1997 u kienu gew mill-Ingilterra bin-*number plates* t'hemmhekk ghaliex kienu *second hand*. Wasslu Malta f'Lulju 1997 u gew registrati f'Awissu 1997. Illi skond ittra tal-P.T.A. datata 20 ta' Awissu 1997 din kellha jkollha *seating capacity* ta' 14, *"to carry not more than 6 wheel chair bound passengers, and 4 other passengers".*

**<u>(C) APPREZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi l-ewwel eccezzjoni li ghanda tigi trattata hija dik ta' l-eccezzjoni preliminari fejn jinghad li tali ittra hija koperta bil-privilegg jew kwazi privilegg *ai termini* tal-**artikolu 33 (d) tal-Kap 248** jinghad is-segwenti.

Illi l-**Artikolu 28 tal-Kap 248** ighid li:

*"Fil-kaz ta' malafama, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, li l-ghan taghha jkun li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna, il-Qorti Civili kompetenti tista', minbarra d-danni li jistghu jintalbu taht xi ligi li tkun fis-sehh f'dak iz-zmien dwar telf jew hsara attwali, taghti lill-persuna offiza somma ta' mhux izjed minn hamest elef lira … …"*

Illi in effetti l-**Artikolu 3 tal-Kap 248** jipprovdi li:

*"Ir-reati msemmija f'din it-Taqsima ta' dan l-Att isiru permezz tal-pubblikazzjoni jew tqassim f'Malta ta' stampat ikun x'ikun il-post li minnu jorigina dak l-istampat, jew bil-mezz ta' xi xandir".*

Illi l-**Artikolu 2** ta' dan l-istess Kapitlu jaghti tifsira tal-kelma *'stampat'* u jipprovdi li din "*tfisser kull kitba stampata b'tipi tipografici jew bil-litografia jew b'mezzi jew processi ohra bhal dawn fuq karta jew sustanza ohra, kif ukoll kull kartellun jew avviz iehor, li jitwahhal li jkun fih xi sinjal jew kitba miktuba, stampata, impingija, rizaltata jew xorta' ohra impressa, u tinkludi kull diska, tape, film jew mezz iehor li bih il-kliem jew immagini vizwali jistghu jinstemghu, jitwasslu jew jigu riprodotti".*

Illi ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li l-ittra lamentata tikkwalifika bhala stampat la darba giet indirizzata u waslet ghand id-destinatarju taghha, f'dan il-kaz ic-*Chairman* tal-Awtorita' tat-Trasport. Illi pero` dak li qed ikun kontestat hu l-fatt jekk l-ittra in kwistjoni bhala stampat u bhala li giet mibghuta fil-kors tax-xoghol tieghu mill-konvenut bhala *Chairman* tal-Mini-Bus Coop Ltd lill-Awtorita' tat-Trasport, illum il-Malta Transport Authority li giet stabbilita bil-**Kap 332 tal-Ligijiet ta' Malta**, tistax tkun il-bazi ta' azzjoni ghad-danni ghall-malafama taht il-**Kapitlu 248.**

Illi l-konvenut qed jissottometti li l-ittra in kwistjoni intbaghtet minnu fil-veste tieghu ta' *Chairman* tal-Koperattiva tal-Mini-Buses, u kien l-obbligu tieghu bhala l-persuna f'dik il-kariga sabiex imexxi l-quddiem l-interessi tal-membri taghha li huwa jwassal rapporti lill-Awtorita' tat-Trasport dwar xi affarjiet li jkun mexjin hazin fis-sistemi tat-trasport dejjem limitatament ghal dak li jista' jkun fl-interess tal-istess membri tal-ko-operattiva minnu rapprezentata. Fil-fatt kienu isiru laqghat mal-istess Awtorita' proprju ghal dan l-iskop.

Illi fil-fatt jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li l-istess konvenut dejjem agixxa bhala *Chairman* tal-istess socjeta' Mini-Bus Coop Limited, tant li l-istess ittra lamentata (Dok. "FGC1") tinsab miktuba fuq *letter head* tal-istess socjeta'.

Illi mill-istess provi jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li l-istess socjeta' kienet interessata li l-membri taghha jinghataw licenzja jew xoghol sabiex ikunu jistghu jgorru nies handikappati ghaliex kien hemm membri minnhom li

kienu jaghmlu xoghol mal-istess persuni. Illi fl-isfond ta' dan kollu inkitbet l-ittra lamtentata tad-19 ta' Awissu 1997 lic-*Chairman* tal-Awtorita' tat-Trasport, fejn jirrizulta li fiha hemm allegat li:-

*"kif kellna cans nispjegawlek diversi drabi, qed isiru abbuzi minn xi operaturi tat-Trasport, fosthom il-Garden of Eden Garage, li fost l-ohrajn qieghed juza' vannijiet minghajr permessi u fil-waqt li fil-ghodu jintuzaw ghall-wheelchairs, fil-ghaxija jintuzaw ghal-xoghol iehor ta' passiggieri normali. Dan l-istess operatur qed jiftahar li ghandu garanzija li jinghata permessi biex jaghmel uzu minn vetturi b'dan l-abbuzz. Ghandha informazzjoni li l-Garden of Eden inghata permess gdid ghall-white window van 7 seater fuq vettura 12 seater u jghabbi 12 il-passiggier".*

Illi mill-provi rrizulta wkoll li din l-ittra inkitbet wara li dan l-ilment fil-konfront tas-socjeta' konvenuta kien gja ingieb mir-rapprezentanti tal-mini-buses verbalment f'laqgha jew laqghat li dawn kellhom mal-istess *Chairman* tal-Awtorita' tat-Trasport, tant li dan huwa ammess mill-istess *Chairman* fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, u anke minn dak indikat fl-istess ittra tad-19 ta' Awissu 1997 fejn hemm imnizzel li:-

*"Referenza:- Diversi tahdidiet li kellna mieghek u ma' l-Awtorita' minn mindu nghatajt il-kariga ta' Chairman ta' L-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku".*

Illi mhux hekk biss izda x-xhieda kollha prodotta hija kollha fis-sens li kien l-istess *Chairman* tal-Awtorita' tat-Trasport li insista mal-istess socjeta' li taghha l-konvenut kien rapprezentant, li l-ilment li huma vvantaw fil-konfront tas-socjeta' attrici u l-attur Angelo Spiteri kellu jsir bil-miktub, u fil-fatt kien ghalhekk li inkitbet l-ittra tas-19 ta' Awissu 1997, proprju lill-istess *Chairman* tal-Awtorita', hekk kif huwa stess idderiga lill-konvenut fil-kwalita' tieghu premessa, u dan sabiex isiru l-investigazzjonijiet relattivi.

Illi l-konvenut ghan-nom tal-istess socjeta' minnu indikata u bhala *Chairman* tal-istess hekk ghamel, u dan ghaliex l-

Awtorita' tat-Trasport Pubbliku li giet stabbilita **bl-Att IX tal-1989 kif emendata bl-Att XI tal-1992 u bl-Att XV tal-1995**, llum **Kap 332 tal-Ligijiet ta' Malta**, ghandha il-funzjonijiet lilha indikati skond l-**artikolu 4 tal-istess Kap 332** li jinkludu *inter alia:-*

*"(a) to provide, or secure or promote the provision of, a properly integrated, safe, economical and efficient public transport system".*

*"(h) to perform any other function vested in it by or persuant to this Act or any other law".*

Illi wkoll skond l-**artikolu 27 tal-Kap 233,** l-istess Awtorita' tista' taghmel regolamenti bil-kunsens tal-Ministru koncernat sabiex tipprovdi ghal:-

*"(a) for the grant, renewal, transfer, suspension and cancellation of licences in respect of public transport vehicles, the drivers thereof, the conductors of motor buses, car-hire garages, and for such other licences in connection with public transport employees and public transport vehicles and the users thereof as may be necessary"*

*"(b) for providing for the manner in which application for the grant, renewal or transfer of licences or of any one or more classes thereof is to be made; for the contents of such application; for the manner in which such licences are to be granted, renewed or transferred; the form in which such licenses are to be issued, the contents thereof and the manner in which renewals or transfers thereof are to be indicated."*

Illi ma hemmx dubju li ghal dak li huwa relattiv ghall kaz *de quo,* minn dak fuq indikat, u minn disposizzjonijiet ohra tal-istess Att u regolamenti maghmula taht l-istess Att, l-istess Awtorita' ghandha posizzjoni ufficcjali fir-regolamentazzjoni tat-trasport pubbliku u trasport iehor f'dawn il-Gzejjer, u ghalhekk ghandha wkoll il-poter li tapprova l-hrug ta' licenzji godda, u wkoll li tinvestiga l-ilmenti dwar l-operaturi tal-istess licenzji, u dan johrog

ukoll mix-xhieda hawn prodotta, u fuq indikata, fejn biss biss skond ix-xhieda ta' Joseph Caruana, li kien *General Manager* tal-istess Awtorita', irrizulta illi li kieku huwa sab li l-ilment kontra s-socjeta' konvenuta maghmul mill-konvenut bhala *Chairman* tal-Mini Buses Coop Limited huwa gustifikat, kien jirraporta lill-Bord tal-Awtorita' li tramite ic-*Chairman* tiehu l-passi li hemm bzonn inkluz sospensjoni tal-istess licenzja li s-socjeta' attrici jidher li kellha fuq dawn iz-zewg vannijiet inkwistjoni.

Illi jirrizulta wkoll mill-provi prodotti li fl-20 ta' Awissu 1997, l-istess Awtorita' kienet approvat il-licenzja ghal zewg vetturi tas-socjeta' attrici bit-*tail lift* bl-ispecifikazzjonijiet indikati mix-xhud Jose' Abela fix-xhieda tieghu tal-11 ta' Lulju 2001, tant li dawn inhargulhom il-pjanci GSY–001 u GSY–002 ghall-uzu ta' persuni b'disabilita', u mix-xhieda tac-*Chairman* tal-Awtorita' din hija kkonfermata wkoll.

Illi jirrizulta wkoll li l-istess Awtorita' kienet tircievi diversi ilmenti minn diversi persuni, u ghaqdiet dwar il-persuni u/licenzji li hija kienet tirregola u tohrog, anke dwar allegati abbuzi li setghu isiru mid-detenturi tal-istess licenzji varji, liema rapporti kienu jigu investigati, u jittiehdu l-passi necessarji fil-konfront tal-istess.

Illi dan kien kaz ghalhekk fejn l-istess konvenut fil-kwalita' minnu indikata kien ghamel rapport kontra is-socjeta' attrici, fejn gie allegat l-ewwel verbalment u mbaghad fuq insistenza tac-*Chairman* tal-Awtorita' permezz ta' ittra datata 19 ta' Awissu 1997, li l-istess socjeta' konvenuta kienet qed tuza' vannijiet intizi ghall uzu ta' persuni disabbli ghall-gar ta' persuni mhux disabbli fil-ghaxija, u dan meta ma kellhomx permess jaghmlu dan.

Illi skond ic-*Chairman* tal-Awtorita' dan l-ilment li l-istess Awtorita' irceviet biss fl-20 ta' Awissu 1997, gie investigat immedjatament, u dan biss billi il-*General Manager* mar ghand is-socjeta' konvenuta u ra li l-pjanci l-godda kienu fuq l-iskrivanija tas-socjeta' attrici, mhux imwahhla w allura wara li ra l-istess vannijiet, ikkonkluda li ma kienx hemm kaz x'wiehed jirrispondi ghalih, u fil-fatt f'ittra datat 21 ta' Awissu 1997 l-Awtorita' informat lill-konvenut li *"ma*

*jirrizultalniex li dak li qed tghid inti qed isehh”,* u dan jirrizulta minn estratt ta’ ittra li l-istess Awtorita’ baghtet tinforma bih lill-Dr. Aldo Vella, rappresentant legali tas-socjeta’ attrici, dan ukoll b’risposta ghall-ittra ta’ dan ta’ l-ahhar lic-*Chairman* tal-Awtorita’ tat-Trasport, datata 21 ta’ Awissu 1997 ukoll, fejn talab lic-*Chairman* sabiex *‘tindikali l-identita’ tal-persuna jew persuni responsabbli ghall-imsemmija rapporti foloz kontra Angelo Spiteri sabiex ikun jista’ jiehu l-passi kollha li huwa intitolat jiehu skond il-ligi”.*

Illi f’din l-istess ittra tac-*Chairman* tal-Awtorita’ tat-Trasport lill-Avukat Dr. Aldo Vella bhala difensur tal-atturi hemm addirittura estratt mill-ittra tad-19 ta’ Awissu 1997, fejn l-konvenut ghamel l-allegazzjonijiet tieghu fuq citati fil-konfront tas-socjeta’ attrici, u b’hekk l-istess atturi odjerni ghamlu din il-kawza ta’ libell.

Illi din il-Qorti thoss li l-agir tal-istess *Chairman* tal-Awtorita’ tat-Trasport ma jistax jinghad li kien korrett, u dan meta ghadda estratt tal-ittra lamentata lis-socjeta’ attrici, u dan peress li fl-ewwel lok kien huwa stess li insista mal-konvenut, li sabiex l-istess rapport jigi investigat, kellu jsir bil-miktub, u dan meta fil-*veste* tieghu huwa kien obbligat li huwa stess jinvestiga dan ir-rapport dwar allegat ksur ta’ permessi, u ghalhekk kull ilment dwar l-istess skond il-ligi kellu jigi necessarjament indirizzat lilu jew lill-Awtorita’.

Illi dan l-agir ikompli jiggrava ruhhu meta wiehed jikkonsidra li fil-mument li kienu qed isiru l-investigazzjonijiet dwar l-allegazzjonijiet vantanti mill-konvenut kontra is-socjeta’ attrici fl-istess ittra tal-19 ta’ Awissu 1997, u dan necessarjament fl-20 ta’ Awissu 1997, fl-istess data l-istess Public Transport Authority kienet kitbet id-Direttur tal-Licenzji sabiex tali vetturi jew vettura tigi registrata bhala *“14 seating capacity to carry not more than 6 wheel bound passengers, and 4 other passengers”.*

Illi ghaliex fl-isfond ta’ dan kollu ic-*Chairman* tal-Awtorita’ tat-Trasport, hass li kellu jghaddi kopja ta’ dan l-ilment mill-konvenut lis-socjeta’ attrici huwa misteru, iktar u iktar

meta l-istess *Chairman*, quddiem din il-Qorti, qal li mhux soltu jadotta din il-procedura, u dan huwa iktar gravi meta jista' jinghad li l-istess atturi u s-socjeta' li kien qed jirraprezenta l-konvenut kienu kompetituri ghall-hrug tal-istess licenzji ghal dawn it-tip ta' vetturi ghall-uzu ta' persuni b'disabilita'.

Illi fil-kuntest tal-premess wiehed irid jezamina l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, fejn qed jeceppixxi l-privilegg jew il-kwazi privilegg fuq il-kontenut tal-istess ittra ghal dak li jirreferi ghas-socjeta' attrici u/jew l-atturi.

Illi dwar dan il-punt wiehed jirreferi ghall-**Artikolu 33 tal-Kap 248** li jipprovdi illi:

"*ma tista' tittiehed ebda azzjoni dwar il-pubblikazzjonijiet li gejjin …*

*(d) pubblikazzjonijiet ta' rapporti ta' procedimenti f'qorti tal-gustizzja f'Malta, kemm il-darba dawk ir-rapporti ikunu rapporti gusti tal-procedimenti u l-pubblikazzjoni ta' dawk ir-rapporti jew proceduri ma tkunx projbita b'ligi jew mill-qorti".*

Illi minn dan jirrizulta li l-privilegg assolut kontenut fl-artikolu fuq citat ma jistax jigi vantat mill-istess konvenut u dan ghaliex ma hemm l-ebda dubju li dan il-kaz ma jittrattax dwar proceduri f'qorti.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Ian Ciappara vs Islands Hotel Group"** (P.A. (RCP) 10 ta' Lulju 2000) *"li tali pubblikazzjonijiet privileggjati huma ntizi bhala rikonoxximent legislattiv tal-fatt li f'certi cirkostanzi dettati minn public policy jirrikjedi li bniedem ikun liberu minn kull responsabilita` ghall-publikazzjoni ta' kliem defamatorju jew libelluz. Ghalhekk isegwi li tali privilegg m'ghandux jigi estiz, hlief ghal kazi indikati mill-ligi, certament li fejn dan jezisti dan ghandu jigi ritenut bhala assolut".*

Illi skond il-***Gatley*** **"On Libel and Slander."** jinghad illi "*An absolute privilege attaches (inter alia) to the following:*

(1) *Statements made in the course of judicial proceedings;*

(2) *Statements made in the course of quasi judicial proceedings;*

(3) *Statements contained in documents made in judicial or quasi judicial proceedings".*

Illi r-regola generali ghalhekk hija li "*no action will lie for defamatory statements whether and or written, made in the course of judicial proceedings before a court of justice or a tribunal … The authorities establish beyond all question this: that either party, witness, counsel, jury, nor judge, can be put to answer civilly or criminally for words spoken in offices, that no action for libel or slander lies whether against judges, counsel, witnesses, or parties for words spoken in the course of any proceeding before any court recognized by law and this although the words were written or spoken maliciously, without any justification or excuse …"(pg 385).*

Illi dan il-privilegg jestendi mhux biss ghal kliem mitkellem jew miktub "*in the ordinary course of any proceeding before any court or tribunal recognised by Law*" izda wkoll "*to any matter <u>incidental</u> to the proceedings practically necessary for the administration of justice (para 383)".*

Illi fil-fatt hemm tlett kategoriji ta' tali privilegg f'dak li jirrigwarda proceduri gudizzjarji u cioe`:

(a) *"Coram Judice"* dak li jsir *proprio* quddiem il-Qorti, bhal xhieda, trattazzjoni, dokumenti, noti ta' osservazzjonijiet, etc;

(b) dak kollu li jsir mill-bidu tal-istess proceduri u testendi wkoll ghal kull dokument li jsir sabiex jaghti bidu ghall-istess proceduri, inoltre l-att tac-citazzjoni innifisha;

(c) atti preparatorji dawn xhieda sabiex jitressqu sabiex jaghtu tali xhieda quddiem Qorti kompetenti, ghalhekk din l-ahhar kategorija ibbazata fuq decizjoni tal-House of

Lords f' **"Watson vs Evan"** hija differenti sew sabiex taghti definizzjoni taghha.

Illi tali privilegg jestendi hawn ghall-gudikanti, avukati, xhieda u l-partijiet innifishom, u fl-ahhar kaz imsemmi, gie stabbilit illi l-ebda azzjoni ma tista' tittiehed fil-konfront tieghu ghal dak minnu dikjarat "*in any pleading, answer to interrogations, on affidavit, or in the course of conducting his own defence in person, either civil or criminal … … or for instructions given for the preparation of a pleading or like document"* (para. 401),

Illi fl-ahharnett, jinghad li bhala ancillari ghal dak fuq espost, gie ritenut wkoll li l-ebda azzjoni ma tista' tittiehed dwar kull dokument li huwa incidentali ghal bidu *proprio* ta' proceduri gudizzjarji jew quasi gudizjarji, u f'dan il-kuntest huwa ritenut dak li inghad fil-kawza **"Timmis vs Bennett"** (1958) fejn il-forma tal-istess dokument hija ta' importanza massima sabiex tistabbilixxi l-estensjoni ta' tali privilegg.

Illi ghalhekk applikat dan il-principju ghall-kaz *de quo* ma hemmx dubju li l-ittra indikata ma tifforma u lanqas tat bidu ghall-ebda proceduri gudizzjari, jew kwazi gudizzjarji, ghaliex ghalkemm din kienet ittra indirizzata lill-Awtorita' kompetenti sabiex tinvestiga allegazzjoni ta' abbuz, l-istess Awtorita' bl-ebda mod ma tista' tigi ekwiparata ghal xi Qorti u lanqas Tribunal, *ai termini* tas-sinifikat normali li wiehed jista' jaghti ghal dawn l-istess kuncetti u sinifikat legali jew guridiku taghhom.

Illi jinghad ukoll li l-istess ittra ma tistax tigi kkunsidrata lanqas bhala *"att ancillari u incidentali ghall-bidu tal-istess proceduri gudizzjarji"* kif fuq stabbilit u indikat, u ghalhekk abbazi tal-premess l-eccezzjoni tal-konvenut ibbazata fuq l-privilegg assolut komtemplat fl-**artikolu 33 (d) tal-Kap 248** ma tistax tirnexxi.

Illi pero' l-konvenut jecceppixxi wkoll id-difiza tal-kwazi-privilegg, u ghalkemm ir-referenza li saret minnu fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, qed tintrabat mal-prilegg assulot skond id-disposizzjonijiet fuq citati nkluz dik tal-**artikolu 33 (d) tal-Kap 248,** dan huwa legalment inkorrett

ghaliex in-nozzjoni ta’ kwazi privilegg hija separata u distinta mill-kuncett ta’ privilegg assolut.

Illi fil-fatt skond **Carter- Ruck on Libel and Slander** jinghad li:-

*“The occasions of absolute privilege are strictly defined and only occur in very special circumstances. There are other and more numerous occasions when the law affords a protection of a less extensive character of defamatory statements which are untrue. The protection thus given is known as qualified privilege. Where it exists an action will not succeed unless the plaintiff can prove that in publishing the words complained of the defendant was actuated by express malice, that is to say by spite or ill-will or some other wrong or improper motive. Herein lies the distinction between absolute and qualified privilege. Malice defeats a defence if qualified privilege; it is wholly irrelevant to absolute privilege”.*

*“Like absolute privilege qualified privilege exists not for the purpose of licensing the defamer but ‘for the common convenience and welfare of society’. There are occasions when persons should be at liberty to express themselves freely even if in so doing a third person is defamed. Social and commercial life would become intolerable if no one were ever protected in making a statement reflecting upon another unless he could prove that statement to be true. There are obviously occasions, other than those of absolute privilege, when it is essential that a person should be able to state without fear of legal consequences what he honestly believes to be true”.*

Illi l-istess **Gatley “On Libel and Slander”** jipprovdi li:-

*“These occasions are called occasions of qualified privilege, for the protection which the law, on grounds of public policy, affords is not absolute but depends on the honesty of the purpose with which the defamatory statement is made. The rule is founded on the general welfare of society, new occasions for its application will*

*necessarily arise with the continually changing conditions".*

Illi hemm diversi okkazzjonijiet fejn l-istess kwazi privilegg jista' jigi eccepiet, pero' dan bl-ebda mod ma jfisser li tali okkazzjonijiet jistghu jigu delineati b'mod preciz ghaliex kollox jiddependi fuq il-kaz partikolari, pero' dan certament jinkorpora incidenti fejn jsiru dikjarazzjonijiet meta wiehed ikun obbligat li jaghmel dan f'termini kemm privati u kemm pubblici, bhal meta persuna f'kariga jaghmel rapport kontra impjegat anke ta' azzjenda privata, jew isir rapport minn individwu lil xi awtorita' kompetenti bhal per ezempju lill-Pulizija, jew lil xi awtorita' ohra sabiex l-istess kaz, ilment , allegazzjoni, anke *di fronte* ghall-persuna jigi nvestigat.

Illi dan l-obbligu jew necessita' li jsir rapport ta' din in-natura jista' ma jkunx legali izda obbligu morali jista' jkun bizzejjed, tant li inghad fil-kaz **"Stuart vs Bell"** li *"I take a moral duty to mean a duty recognised by people of ordinary intelligence and moral principle, but at the same time not a duty enforceable by legal proceedings, whether civil or criminal…..Would the great mass of right-minded men in the position of the defendant have considered it their duty under the cicumstances to make the communications? The true mode, said Kay L.J. "of judging upon the question is to put oneself as far as possibble in the position of the defendant".*

Illi pre-suppost ghall-applikazzjoni ta' dan il-principju huwa li l-obbligu tal-persuna li taghmel l-istess kommunikazzjoni irid jezisti kontemporanjament mal-interess tal-persuna li lejha l-istess kommunikazzjoni tkun diretta. Hekk kemm l-obbligu tal-persuna li taghmel l-istess dikjarazzjoni u l-interess tal-persuna li tircievi l-istess dikjarazzjoni jridu jkunu jezistu bhala fatt, u d-determinazzjoni tal-istess hija fiha nfisha kwistjoni ta' fatt.

*"A communication made bina fide upon any subject matter in which the party communicating has an interest, or in reference to which he has a duty, is privileged, if made to a person having a corresponding interest or duty,*

*although it contain criminatory matter which, without this privilege, would be slanderous and actionable"* **("Harrison vs Bush" – "Duncan and Neill on Defantion" –** page 93; **Gatley** – page 449).

Illi l-istess interess irid ikun legittimu u jrid jezisti dak li jissejjah *'reciprocity of interest" "in the party to whom the communication is made as well as in the person making it",* u taht dan il-kategorija jaqaw kommunikazzjonijiet li jsiru *'in the discharge of a duty"* bhal per ezempju *character referances ta' impjegati* u ohrajn, rapporti dwar temm ta' impjieg, rapporti ta' allegati abbuzi ta' persuni f'hi sfera partikolari ta' kummerc lill Awtoritajiet kompetenti, u hafna okkazjonijiet ohra, dment li l-istess dikjarazzjonijiet jsiru *in bona fede.*

Illi fil-fatt l-okkazzjonijiet fejn l-istess kwazi privilegg gie applikat huma:-

*"1. Statements made in the performance of a legal, moral, or social duty.*

*2. Statements made in the protection or furtherance of an interest:*
*(a) private*
*(b) public.*

*3. Statements made in the protection of a common interest.*

*4. Statements made in certain classes of reports:*
*(a) reports of Parliamentary proceedings;*
(b) *reports of judicial proceedings."*

Illi f'dan il-kaz l-azzjoni ta' libell ma tistax tirnexxi jekk ma jigix ippruvat li l-konvenut agixxa in *mala fede* bl-intenzjoni specifika li jimmalafama lil dak li jkun.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jirrizulta mill-provi li l-konvenut bhala *Chairman* tas-socjeta' minnu rappresentata, li kienet tirraprezenta il-membri taghha operaturi ta' *mini-buses*, kien interessat ghall-gid u fl-

interess tal-membri tieghu, li l-istess membri jikkompetu sabiex jinhareg lilhom permess sabiex juzghaw vetturi ghat-trasport ta' persuni handikappati, kif *di piu`* jirrizulta li l-atturi kienu hekk interessati. Illi l-istess konvenut, dejjem fil-veste tieghu indikata, kien ircieva diversi rapporti li vannijiet appartenenti lis-socjeta' attrici kienu qed jintuzghaw bla ebda licenzja sabiex jittrasportaw persuni mhux handikappati, u fl-isfond tat-tahdidiet li kienu qed isiru mac-*Chairman* tal-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku, dwar il-hrug tal-istess licenzji, l-konvenut ressaq din l-allegazzjoni fil-konfront tal-istess socjeta' attrici direttament u verbalment lic-*Chairman* tal-istess Awtorita'.

Illi l-istess *Chairman*, is-Sur Reno' Calleja talab lill-konvenut sabiex l-istess ilment jigi indirizzat lilu jew lill-Awtorita' tat-Trasport bil-miktub, sabiex jsiru l-investigazzjonijiet necessarji jekk tali allegazzjoni hijiex minna jew le, u jekk tirrizulta jittiehdu l-passi necessarji mill-istess Awtorita'. Dan naturalment setgha anke jwassal ghas-sospensjoni tal-istess licenzja specjali li l-istess socjeta' attrici kienet ghadha kemm ottjeniet fuq zewg vannijiet taghha ghall-garr tal-istess persuni handikappati jekk il-kaz jigi ppruvat quddiem l-istess Awtorita' tat-Trasport, jew ahjar jekk tali investigazzjonijiet jkollhom ezitu posittiv.

Illi fil-fatt il-konvenut hekk ghamel u sostna bl-ittra tad-19 ta' Awissu 1997 li s-socjeta' attrici kienet qed tuza l-istess vannijiet bla ma kienu debitament licenzjati ghall garr mhux skond il-ligi ta' passiggieri normali. Illi mela minn dan jidher car li l-ittra inkitbet mill-konvenut lill-Awtorita' kompetenti fuq rikjesta tal-istess Awtorita', u dan fis-sens li kien l-istess *Chairman* li meta sema' l-ilment tal-konvenut u s-socjeta' minnu rappresentata, stieden lill-istess konvenut, sabiex jiktiblu formalment sabiex huwa jkun jista' jinvestiga l-kaz, procedura li mhux dejjem jidher li giet operata f'kaz ta' rapporti maghmula lill-istess Awtorita'.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-istess konvenut, dejjem bhala rapprezentant tal-ghaqda tal-mini-buses, ma agixxiex *di mutu proprju* izda biss fl-interess tal-membri

tal-istess kumpanija, li certament kellhom interess fil-materja, meta huma kienu interessati, li hadd ma jkun jista' jehodilhom ix-xoghol taghhom, li ghalih kienu licenzjati, jekk mhux skond il-ligi, u bil-licenzji appositi approvati mill-Awtoritajiet kompetenti, u bl-approvazzjoni tal-istess Awtorita' tat-Trasport.

Illi ghalhekk kien fl-interess tal-konvenut fil-posizzjoni tieghu, li jirraporta fl-interess tal-membri tieghu, kull allegat abbuz dwar l-istess licenzji anke dawk specjali ghall-garr ta' persuni handikappati, u jidher li tali rapport sar bil-miktub biss ghaliex kien hekk mitlub jaghmel mill-istess *Chairman* tal-Awtorita' tat-Trasport, liema Awtorita' kienet fid-dover, anke skond il-ligi, li tinvestiga l-istess abbuz, u tagixxi skond ir-risultanzi taghha.

Illi jidher li l-istess rapport kien indirizzat lill-istess Awtorita' tat-Trasport, ghalkemm kopja tieghu intabghtet lill-Ufficcju tal-Prim Ministru u lill-Ministru tat-Trasport u Telekomunikazzjoni, kif jidher minn fol. 30 tal-process, u ma hemm l-ebda dubju li din l-ittra inkitebet ghaliex hekk issugerixxa l-istess *Chairman* tal-Awtorita'. Illi abbazi ta' dan kollu jidher ghalhekk li l-istess konvenut kellu l-interess necessarju fil-posizzjoni tieghu sabiex jaghmel tali rapport, anzi kellu obbligu fil-posizzjoni tieghu li jirraporta lill-awtoritajiet kompetenti kull allegat abbuz, anke in vista tar-rapporti li huwa kien ircieva dwar l-istess kaz, kemm sabiex tigi osservata l-ligi, u kemm sabiex jigu protteti l-interessi tal-azzjonarji jew membri tas-socjeta' utenti ta' mini-buses, u jidher ukoll li l-istess Awtorita' tat-Trasport kellha interess anke skond il-ligi, sabiex tara li l-kondizzjonijiet tal-licenzji mahruga jigu osservati, u jekk le kienet l-Awtorita' kompetenti sabiex tiehu l-mizuri necessarji.

Illi dan kollu rrizulta konkludentement mill-provi, u juri bla ebda dubju kwalunkwe li l-istess konvenut, ghalkemm setgha uza terminologija iktar adatta, ressaq ir-rapport tieghu kif premess biss f'dan l-ispirtu ta' interess tal-membri tieghu, u l-obbligu li kellu li jressaq tali ilment lill-Awtorita' kompetenti u mhux bl-intenzjoni specifika li jimmalafama lis-socjeta' attrici jew lill-atturi, tant li l-istess

ittra inkitbet biss wara diskussjonijiet mal-istess Awtorita' u fuq insistenza taghha, sabiex b'hekk l-akkuza maghmula tigi investigata.

Illi fid-dawl ta' dan kollu jidher li l-eccezzjoni ta' kwazi privilegg avvanzata mill-konvenut ghandha tigi accettata, u dan immaterjalment mill-fatt jekk bhala tali l-allegat lilbell giex ippruvat jew le, jew jekk il-prova tal-fatti saritx, ghaliex l-effett tal-kwazi privilegg, li japplika biss fic-cirkostanzi fuq elenkati, li jidher li jissussistu f'dan il-kaz, ghandu l-effett li jopponi u jwaqqaf il-kawza ta' libell jekk jigi ppruvat li ma kienx hemm intenzjoni ta' *mala fede* fl-origini ta' tali komunikazzjoni, u f'dan il-kaz jidher li l-konvenut ma agixxiex *in mala fede*, izda biss fl-interess tieghu u tal-membri tieghu, li jwassal rapport lill-Awtorita' kompetenti, li gie redatt bil-miktub biss fuq stedina tal-istess Awtorita'.

Illi l-fatt li l-istess Awtorita' sostniet li wara investigazzjonijiet li saru ma rrizultax li kien hemm bazi ghal tali rapport, ma jbiddel xejn minn dak li gie hawn sottomess, ghaliex dan xorta ma jbiddilx l-animu tal-konvenut li bih sar l-istess rapport u cjoe' li sar *in bona fede*; hawn il-Qorti tirrileva li fl-opinjoni taghha u mill-provi prodotti dak li gie investigat mill-istess Awtorita' kien biss li n-numri licenzjati tal-istess vannijiet ma kienux twahhlu fuq l-istess vannijiet u ghalhekk ikkonkludiet li l-istess vannijiet ma kienux qed jigu uzati, li huwa differenti mill-allegazzjoni maghmula li tali vannijiet kienu qed jigu uzati ghat-trasport ta' persuni mhux handikappati, dan apparti li l-allegazzjoni qatt ma kienet fis-sens li sar uzu mill-istess pjanci licenzjati, anzi li sar uzu mill-istess vannijiet meta dawn ma kellhomx licenzja ta' hawn Malta u kien ghadhom bil-licenzja ta' barra.

Illi il-mod li tali rapport wassal l-Awtorita' fl-20 ta' Awissu 1997, u l-investigazzjonijiet tal-istess Awtorita' gew konkluzi fil-21 ta' Awissu 1997, bil-mod fuq indikat permezz ta' Joseph Caruana, li sempliciment mar ghand l-atturi u ra l-pjanci l-godda fuq il-mejda, u ra wkoll l-istess vannijiet lanqas jista' jinghad li huwa konvincenti, kif wkoll huwa mhux car kif l-ittra tad-difensur tal-atturi datata 21 ta'

Awissu 1997, waslet dak in-nhar stess l-Awtorita’, u l-istess Awtorita’ kitbet fl-istess data tal-21 ta’ Awissu 1997 lill-istess difensur tal-atturi u taghtu estratt citat tal-paragrafu lamentat mill-atturi li sar fl-ittra tal-konvenut datata 19 ta’ Awissu 1997, b’estratt tar-risposta li kitbet hija lill-konvenut, b’risposta ghall-ittra tieghu tad-19 ta’ Awissu 1997, u hawn il-Qorti qed tirreferi ghad-Dok. “AS 1”, “AS2” u “FGC1” fl-atti processwali. Kieku mhux ghall-kwazi privilegg bl-istess ittra tal-21 ta’ Awissu 1997 li l-Awtorita’ kitbet lid-difensur tal-atturi, l-istess Awtorita’ kienet b’hekk tista’ tesponi ruhha ghall-kawza ta’ libell, anke kontra taghha.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li dwar l-istess investigazzjonijiet hemm inkonsistenza bejn ix-xhieda ta’ Joseph Caruana u dik ta’ Angelo Spiteri, stante li dan ta’ l-ahhar semma’ li l-istess persuna bhala *General Manager* kienet baghatet ghalih sabiex igib in-*number plates* u kien hawn li l-istess Joseph Caruana kien akkuzah li sar uzu mill-istess vannijiet ghall-garr ta’ turisti, meta kien ghadu kemm jara l-istess vannijiet u pjanci mhux imwahhla ghand l-attur tlett (3) ijiem qabel, u dwar dan wiehed jirreferi ghax-xhieda ta’ Angelo Spiteri tat-22 ta’ Marzu 1999. Dwar din il-laqgha Joseph Caruana ma qal xejn hlief biss li kien mar jinvestiga wara r-rapport bil-miktub tal-konvenut ghand l-atturi. Certament li f’din it-testimonjanza mhux kollox huwa konsistenti, u dan iktar jikkonfonda ruhhu meta wiehed jara l-ahhar paragrafu tal-ittra tac-*Chairman* tal-Awtorita’ datata 21 ta’ Awissu 1997 a fol. 23 tal-process.

Illi dwar l-ilmenti tal-istess konvenut fuq l-istess akkuza, ghalkemm jidher li kien hemm diversi rapporti dwar uzu tal-istess vannijiet, mill-provi prodotti ma jirrizultax lanqas li dawn gew b’xi mod identifikati, anke ghaliex li jimmillita kontra t-tezi tal-konvenut, il-fatt li l-affidavits maghmula jidher li huma kwazi kopja ta’ xulxin, u redatti b’mod kwazi simili, b’mod li jidher car li dawn gew qishom ippreparati u kkupjati wiehed ghall-iehor; dan ma jfissirx li dak li hemm fihom mhux necessarjament huwa veru, pero’ certament, tenut kont tal-fatt li l-ebda persuna ma tagixxi bhal ohra, u lanqas tesprimi ruhha bhal haddiehor, li l-mod kif gew redatti l-istess affidavits, fih innifsu jitfa’ dubju dwar il-

kredibilita’ tal-kontenut taghhom, u taht dan l-aspett wiehed jenfasiza n-necessita’ li jigu maghmula regoli dwar il-prezentata u l-kontenut tal-istess affidavits, sabiex tali affidavits jigu prezentati kif ikun u fl-ahjar interess tal-gustizzja, u l-procediment gudizzjarju.

Illi din il-Qorti hija konxja tal-fatt li fil-**Kap 248 i**l-kwistjoni ta’ privilegg kwalifikat tissemma biss fl-**artikolu 12 A** li ma ghandu x’jaqsam xejn fil-kaz *de quo,* pero` in virtu’ tal-principju li f’kaz ta’ libelli, l-ligi segwita hija dik ingliza, jsegwi li principji fuq elenkati jifformaw anke parti mill-ligi nostrali, la darba ma hemm xejn fil-**Kap 248** li jimmilita kontra l-istess, u dan huwa wkoll imsahhah mill-fatt li tali applikazzjoni ta’ kwazi privilegg jidher li giet introdotta fuq konsiderazzjonijiet ta’ *public policy* (**Gatley On Libel and Slander –** pg.185)

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda u l-eccezzjoni tal-konvenut abbazi tal-kwazi privilegg milqugha.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut** abbazi tal-applikazzjoni tal-kwazi privilegg, **tichad it-talbiet attrici** stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**1 ta’ Ottubru 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**1 ta’ Ottubru 2002**